**Michael Falzon**

**vs**

**Marlon Cachia**

**CCT G4/23/MS**

12 ta' Settembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-15 ta' Frar 2023 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' hames mija u hamsin euro (€550.00), u dan wara li inkariga lill-intimat jghabbi, jgorr u jhott ghamara, propjeta' tar-rikorrent, liema ghamara sofriet hsarat estensivi u rreparabbli matul il-vjagg, tant li l-ghamara ma ghadhiex ta' utilita' ghar-rikorrent. Ir-rikorrent talab li jigi rimborzat ghall-valur tal-ghamara kif ukoll l-ispejjes kollha relattivi.

Ra li l-intimat, debitament notifikat bl-avviz tat-talba u tas-smigh m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mill-provi illi r-rikorrent kien qabbad lill-intimat Marlon Cachia biex igorrlu kamra tas-sodda mill-Imtarfa, Malta sa' Zebbug Ghawdex. Ftehmu fuq prezz ta' erbghin euro u r-rikorrent tah hamsin euro. L-intimat kellu jghabbi zewg sodod 'single', saqqijiet u cilindru tal-gass mid-dar ta' ohtu li tghix l-Imtarfa. Meta' ltaqa' mieghu Zebbug sab li l-affarijiet kollha kien inqallbin. L-affarijiet ma kienux marbutin u m'ghamilx kartun jew xi haga fin-nofs biex jipprotegi l-ghamara. Ir-rikorrenti qal illi l-kamra tas-sodda li kienet ta' ohtu, kienet ghadha fi stat perfetta. Kien ghamilha certu mastrudaxxa, Mario. Ir-rikorrent xtraha minghand ohtu u hallas erba' mija u hamsin euro (€450.00) taghha.

Xehdet ukoll Margaret Falzon, oht ir-rikorrent, li kkonfermat illi l-ghamara kienet taghha u huha Michael xtraha ghal post tieghu Ghawdex ghall-prezz ta' erba mija u hamsin euro. Qalet illi l-kamra tas-sodda kienet ilha ghandha ghal madwar ghaxar snin u kienet fi stat perfetta. Ikkonfermat ukoll illi hija kienet ikkuntatjat lill-intimat li

kien ha jġorr l-affarijiet u ftehmu fuq prezz, u gie ghall-affarijiet li kienu fil-garaxx taghha. Meta gie filghodu kmieni, kien ghadu d-dlam. Qalet ukoll li l-kamra tas-sodda kienet zarmata meta gie ghaliha l-intimat - fil-fatt kien l-istess mastrudaxxa li hadem l-ghamara li zarmaha bicciet sabiex tingarr mill-intimat iktar facilment. Qalet ukoll illi ppruvat taghmel kuntatt mal-intimat wara li garr l-affarijiet izda minghajr success. Ix-xhud esebiet ritratti tal-istat tal-kamra tas-sodda, kemm qabel u wara.

Xehed ukoll Marco Falzon, ir-ragel ta' Margaret Falzon, li kkonferma illi l-ghamara ma kellhiex daqqiet meta ngabret mill-garaxx taghhom u kienet 'pinna'. Ikkonferma wkoll illi l-mastrudaxxa kien zarma l-affarijiet sabiex l-intimat ikun jista' jgorrhom. Qal ukoll illi l-intimat kien zamm ghandu xi bicciet tal-kamra tas-sodda u nnega li kienu qeghdin ghandu, imma fl-ahhar, wara diversi messaggi l-intimat qal li sabhom. Meta tahomlu, kienu imkissrin. Ikkonferma wkoll illi hu kien hallsu l-hamsin Euro li kien tah ir-rikorrent ghall-garr, izda qatt ma tah ircevuta tal-hlas.

Ikkunsidra

Ill permezz ta' din l-istanza, ir-rikorrent qed jitlob ir-rifuzjoni ta' hames mija u hamsin euro, u dan wara li l-intimat garrlu kamra tas-sodda (zewg sodod) liema kamra tas-sodda sfat dannegjata waqt li kienet fil-kustodja tal-intimat.

Illi min-naha tieghu, l-intimat m'ghamilx risposta u lanqas ma deher biex jaghti x-xhieda tieghu. Ghalhekk, it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versioni ohra li b'xi mod tikkontrasta dak li qed ighid ir-rikorrent u x-xhieda kollha l-ohra, li hija verosimili u anke korroborata. Ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrent ipprova l-istanza tieghu sal-grad li trid il-ligi u li t-talba tieghu tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dak li huwa l-quantum, ghalkemm ir-rikorrent talab l-ammont ta' hames mija u hamsin euro (€550.00), effetivament hallas hames mitt euro - kwantu ghal erba mija u hamsin euro il-prezz li hallas biex jixtri l-ghamara, u kwantu ghall-hamsin euro, l-ispejjes tal-garr. Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu li dan huwa l-ammont li ghandu jigi rimborzat lilu.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzialment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-intimat ihallsu s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00). Bl-ispejjes ta' din l-istanza kontra l-istess intimat.

**Michela Spiteri LL.D.**
**Arbitru**